*BENEFATTUR:*

# Il-Kanonku Dr. Paolo Pullicino

minn Chev. JOSEPH GALEA

**Fis-Sagristija tas-Santwarju ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina, hemm ir-ritratt ta' Dr. Paolo Pullicino, Kanonku tal-Katidral,, u meqjus bħala l-bennej tat-tagħlim primarju għal ulied il-ħaddiem.**

Paolo Pullicino, bin Dr. Arcangelo u Marianna Schembri, twieled il-Belt fis-sena 1815 meta l-gżira ta' Malta kienet għadha kemm xhedet żewġ avvenimenti li baqgħu jissemmew fl-istorja: bit-Trattat ta' Pariġi, 30 ta' Mejju 1814, bl-artiklu 7 tat-trattat Malta daħlet tagħmel sehem mill-Imperu Ingliż; kien għadu kemm tbiegħed il-mingel kiefer tal-pesta li ħakmet il-gżejjer li ħasdet 4,572 ruħ f'anqas minn sena.

Il-familja Pullicino donnu li minn dejjem kienet ixxurtjata, u tat lil Malta ulied li għollew isem Malta, u ħallew tifkiriet tagħhom fl-oqsma tal-liġi, tas-saċerdozju, u ta' l-arti.

Sa minn ċkunitu donnu li kien mitfuħ għall-istudju, u minn kmieni wara li għamel il-kors kollu preliminarju, daħal l-Università' fejn ħa l-lawra ta' **Magister Artium,** u **Doctor Divinitatis,** u wara laħaq saċerdot. Imma qabel kollox kellu ħafna għal qalbu t-tagħlim, suġġett li kien nieqes bosta, u l-injoranza kienet grassa ġmielha. Għalhekk wara li spiċċa mill-Università' ta' Malta, mar jissokta l-istudji tiegħu fl-Università tas-Sorbonne, Pariġi, waħda mill-aqwa universitajiet fl-Ewropa.



**Pittura taż-żejt ta' Mons. Paolo Pullicino li tinsab fis-Sagristija tas-Santwarju ta' San Ġużepp, ir-Rabat ta' l-Imdina li għal żmien kien protettur ta' l-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp.**

Meta reġa' lura Malta l-Gvern ħatru bħala professur fil-metodoloġija (is-sura jew it-tifsila tat-tagħlim) u Direttur ta' l-iskejjel primarji tal-Gvern. Biex aktar jissaħħaħ fit-tagħ-

lim u fis-sistema u l-metodi sabiex ikun jista' jdaħħalhom f'Malta mar iżur l-Ingilterra, l-Isvizzera il-Ġermanja u l-Belġju.

Meta reġa' lura Malta ta rapport dettaljat ta' dak kollu li kien ra u stħarreġ. Hejja rapport dwar l-iskejjel primarji fis-sena 1850, u sena wara stabbilixxa l-ewwel klassijiet tas-sekondarja fir-Rabat Għawdex. Fis-sena 1855 ipprova jdaħħal )l-iskola tal-kant wara li kien għamel diskors dwar "Musica Vocale nelle scuole elementari". Dik is-sena wkoll għamel l-ewwel Wirja miġbura mit-tfal ta' l-iskejjel primari ta' Malta u Għawdex, u daħħal ukoll it-tagħlim tas-snajja fl-iskejjel elementari.

Minbarra li kien mehdi fuq l-edukazzjoni b'ruħu u ġismu, kien iħobb lill-fqar u lill-ħaddiema, meta dawk iż-żmenijiet kienu tant fil-bżonn. Fis-sena 1850 waqqaf is-Soċjeta ta' San Vincens di Paola, magħquda ma' dik ta' Pariġi, għaqda filantropika, għall Belt u l-Furjana u wara xterdet ma' Malta kollha, fil-knisja tal-Pilar, il-Belt.

Laħaq President tas-Soċjeta' ta' l-Arti Manifattura u Kummerċ, bejn is-snin 1886 u 1889, ħidma siewa għaliex kellu ħafna għal qalbu l-arti u l-artiġġjanat, u kien stieden lill-pittur magħruf Pietro Gagliardi biex jiġi Malta ħalli jpinġi kwadri kemm għall-kollezzjoni tiegħu u sew għall-knejjes u nies privati.

Hu magħruf li darba l-Papa immortali Ljun XIII kien sejjaħ lil Monsinjur Paolo Pullicino bil-kliem sabieħ ta' "il dotto canonico maltese".

Miet il-Belt fid-dar tiegħu nhar it-13 ta' Marzu 1890, u midfun fil-Katidral.

Fis-sagristija tal-knisja tal-Ġiżwiti il-Belt, hemm ir-ritratt tiegħu pittura taż-żejt, u fis-sede tas-Soċjeta', Palazzo de la Salle billi hu kien il-ħames President tagħha, mit-twaqqif tas-Soċjeta' fis-sena 1852, hemm ritratt tiegħu wkoll.

**Nota ta' l-Editur:**

Mons. Paolo Pullicino kien benefattur kbir ta' l-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp, l-ewwel u qabel kollox kien protettur tal-Fratellanza msemmija.

Hu ħallas minn butu l-Vara ta' San Ġużepp li toħroġ fil-purċissjoni, kien ordnaha f'Marsilja u kien għamillu l-abbozz tagħha l-magħruf L. Fontana din il-vara ħarġet għall-ewwel darba fid-19 ta' Marzu 1890. Opra oħra li rregala lill-Fratellanza msemmija, hi l-pittura tas-Sagra Familja li tinsab fil-Kappella ta' San Ġużepp xogħol tal-pittur famuż Pietro Gagliardi.